**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charles Azzopardi

Vs

Montebello Artworks Ltd

CCT 47/22/MM

Illum, 18 ta' Ottubru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-24 ta' Marzu 2022 fejn talbet is-somma ta' disa' mitt Ewro (€ 900) rappreżentanti ispejjeż rimedjali sabiex ritratt li twaħħal fuq l-irħama tal-qabar jerġa jitwaħħal mar-ritratti l-oħra fuq qoxra li titwaħħal fuq il-*headstone.*
Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata fejn fl-ewwel lok qajmet eċċezzjoni preliminari fejn eċċepiet illi r-rikorrenti m'għandux *locus standi* u għaldaqstant m'għandux interess ġuridiku fost eċċezzjonijiet oħra fil-mertu.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jagħti sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari u dan sabiex jiġi determinat jekk għandux bażi legali sabiex jibqa' jisma' l-każ quddiemu jew le.

L-Eċċezzjoni Preliminari

Illi dan it-Tribunal wissa għal diversi drabi n-natura ta' eċċezzjoni preliminari u offra lir-rikorrenti l-opportunita' li jirregola ruħu b'dan li l-każ jibqgħa differit għal darba oħra, liema opportunita' r-rikorrenti rrifjuta bis-sħiħ.

Illi għalhekk dan it-Tribunal ma kellux għażla oħra ħlief li jipproċedi billi jisma' l-provi limitatament għall-ewwel eċċezzjoni, filwaqt li ordna l-inverżjoni tal-istess.

Illi min-naħa tiegħu Rueben Montebello għas--soċjeta' intimata jinsisti illi ma hemm l-ebda rabta kuntrattwali bejn l-intimata u r-rikorrenti. Hu jisħaq illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda *locus standi* u *semmai* kellha tkun il-persuna li inkarigatu jagħmel ix-xogħol li tipproċedi bl-azzjoni. Hu jinsisti li fir-rigward ta' dan l-inkarigu l-intimata qatt ma kellha kuntatt ma' Charles Azzopardi u dan kif tindika l-*quotation/order* annessa mar-risposta tiegħu.

Ikkunsidra

Illi l-pern tal-kwistjoni tal-eċċezzjoni preliminari ddur mal-fatt li r-rikorrenti fl-ewwel lok bl-ebda mod ma jista' jikkontesta l-mod kif sar ix-xogħol meta dan ma kienx parti mill-ftehim, u iżjed u iżjed ma għandu l-ebda rabta ġuridika mal-intimata meta jirriżulta biċ-ċar li l-involvilment tiegħu kien li mar ikellem lill-intimata wara li tlesta x-xogħol u ħass li ma għoġbux il-pożizzjoni ta' fejn tpoġġa r-ritratt tad-defunt.

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi dan it-Tribunal hu tal-fehema li effetivament ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet. Dan jinghad b'referenza ghax-xhieda tar-rikorrenti fejn *ex admissis* jikkonferma dan.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tas--soċjeta' intimata u jiddikjara li m'humiex il-legittimi kontaditturi ta' l-attur u għalhekk jilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju.
Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru